MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Numru 231/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joe Cordina)**

**vs**

**Alfred Debono**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Alfred Debono ta’ 55 sena bin Joseph u Doris nee’ Gaunt imwieled Sliema u residenti “Villa Debran” Triq il-Mielah, Madliena, Swieqi, detentur ta’ karta ta’ identita numru 267244(M) akkuzat talli:

1. bi ksur ta’ l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer, bejn il-15 ta’ Frar 1997 u l-31 ta’ Dicembru 1997 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn Lm2,850 bi hsara ta' Edwin Camilleri u aktar minn Lm9,907 bi hsara ta' C&B International Limited u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista jircevi bihom hlas, jew jiehu il-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) xjentement ghamel uzu minn wahda mill-karti imsemmija fl-Artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fi skrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

e) xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fl-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. barra minn hekk l-imsemmi Alfred Debono huwa akkuzat ukoll li sar recidiv b’sentenzi definittivi tal-Qrati kif gej:

- 23 ta’ April 1992 Qorti ta’ l-Appell Kriminali;
- 9 ta’ Dicembru 1992 Qorti tal-Magistrati
- 2 ta’ Frar 1993 Qorti tal-Magistrati

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali li bih baghat l-atti tal-kawza lil din il-Qorti sabiex l-imputat jigi ggudikat ai termini tal-rtikoli tal-ligi indikati fl-istess rinviju

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstemgha u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Illi l-provi tal-prosekuzzjoni huma sostnuti minn ghaxar ‘cheques’ li jinsabu esebiti in atti, tnejn minnhom mahruga minn “C. DeBono” mill-kont nru. 166003200 intestat ‘Mrs C. Debono’, seba’ wkoll mahruga minn “C. DeBono
Mill-kont intestat “Shire Limited” nru 167077950 u wiehed mahrug minn “W. Debono” mill-kont intestat W. Debono nru. 102089560. Ic-‘cheques’ huma kollha tal-Bank of Valletta u huma lkoll pagabbli lill-kumpanija “Interplast Limited’ u girati mill-istess socjeta’ bil-firma tac-Chairman taghha certu Sergio Calleja favur terzi. Rigward ic-‘cheques’ mahruga mill-kont l-ewwel indikat jirrizulta li l-girata saret favur Edwin Camilleri filwaqt li jirrizulta mix-xhieda ta’ Anthony Camilleri, qua direttur tal-kumpanija “C&B International Limited”, li t-tmien ‘cheques’ l-ohra gew girati, dejjem mill-imsemmi Sergio Calleja, favur is-socjeta’ minnu rappresentata. L-imsemmija ‘cheques’ gew kollha dosonorati mill-Bank bir-rimarka ‘refer to drawer’ hlief wiehed fl-ammont ta’ Lm950 skond ix-xhieda moghtija mill fuq imsemmija.

Illi dak li pero' hu verament rilevanti ghall-finijiet u fit-termini tal-akkuzi hu li l-imputat kien il-persuna li hareg l-imsemmija ‘cheques’ favur is-socjeta InterPlast Limited rappresentata mill-imsemmi Sergio Calleja filwaqt li ammetta li l-firma C. DeBono u W. Debono ghamilha hu ad insaputa (almenu inizjalment) ta’ martu u ta’ ibnu li kienu l-firmatarji tal-kontijiet minn fejn hargu c-‘cheques’. Issa l-imputat jinsab akkuzat fost ohrajn bir-reat ta’ falsifikazzjoni ta’ dokumenti (Artikolu 167) u l-uzu ta’ l-istess (Artikolu 169) u bir-reat ta’ falsifikazzjoni ta’ atti pubblici, kummercjali jew ta’ bank privat minn persuna li ma tkunx ufficjal pubbliku (Artikolu 183) u li ghamel uzu minn dan id-dokument (Artikolu 184) u dan stante li c-‘cheques’ inhargu fuq firma li ma kinitx tal-firmatarju ta’ dak il-kont.

Illi mill-provi in atti ghandu kun ovvju li bil-firma ‘ut sic’ u l-ammissjoni tal-imputat li saret minnu hu rrenda ruhhu hati taht l-Artikolu 167 u 183 billi skond il-ligi nostrali u fuq skorta tad-dottrina kontinentali il-falsifikazzjoni – falz materjali – tista’ issir sew billi jigi falsifikat dokument kollu jew in parti [tant] li meta persuna tiffalsifika l-firma ta’ persuna ohra fuq ‘cheque’ vojt biex taghti x’tifhem li l-firma hi dik tal-persuna li kienet tiffigura bhala l-account holder, tali falsifikazzjoni tikkostitwixxi falz materjali (Vol.LXXXIII.iv.274).

Kuntrarjament pero’ l-qorti difficilment tara li l-akkuza ta’ truffa treggi f’dan il-kaz u fit-termini tal-akkuza kif redatta stante li minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi artifizi jew raggiri adoperati mill-imputat fil-konfront tal-persuni espressament indikati fl-akkuza. Difatti l-provi imkien ma jaslu sabiex jippruvaw li kien hemm xi kolluzjoni bejn l-imputat u l-imsemmi Sergio Calleja biex ta’ l-ahhar jiggira c-cheques bl-iskop li jigu defawdati d-destinatarji li ghandhom spiccaw ic-‘cheques’. L-imputat, mhux kontradett, jistqarr li l-‘cheques’ tahom lill-Calleja bhala garanzija ghal xi xoghol li hu kien ordna u kellhom jigu sostitwiti bi flus kontanti, fatt, li anke mix-xhieda taz-zewg persuni li spiccaw ghandhom ic-‘cheques’ in kwistjoni, ma tistax tigi skartata.

Fir-rigward il-piena li ghandha tigi nflitta dwar l-akkuzi li taghhom l-imputat ser jigi misjub hati, senjatament tal-falsifikazzjoni tac-cheques, l-qorti ser tiehu qies li c-‘cheques’ in kwistjoni kienu taht il-kontroll ta’ martu u ibnu li minn dak li jirrizulta ma sofrew ebda telf patrimonjali u f’kull kaz ma jirrizultax li sostnew l-azzjoni kontra l-imputat.

Ghalhekk u inghad dan filwaqt li ma ssibx l-imputat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni issibu hati tal-bqija u wara li rat l-Artikolu 167, 169, 183, 184, 17, 49 u 50 tal-Kap 9 u qieset ic-cirkustanzi tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ sitt xhur ai termini ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------